# Kull Ħolma Tqila

OLIVER FRIGGIERI

Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u tinżel biex tiġborha u tkun ġà nkisret.
Tinsiġha kelma b'kelma w titgħallimha
malajr bl-amment u wara ftit tinsieha.
Tkenninha bejn idejk bħal xemgħa tixgħel
u tasal żiffa riħ u titfiħielek.
Kull telfa ġġib warajha ħolma ġdida
biex ta' kull darba tiġri din l-istorja

u tidra dir-rutina w terġa' tibda.
B'għajnejk mgħammdin tiġġerra wara sħaba
tistenna li tilħaqha qabel jidlam.
B'idejk miftuħa ssellem lil min jgħaddi
u l-folla tibqa' miexja bla ma tħares.
fis-suq tal-ħolm tikkorda l-prezz u ttella'
mill-portafoll ta' qalbek l-aħħar lira.
Taqagħlek minn idejk kull ħolma tqila
u jasal jum li lanqas biss tinduna.